Għalliema u Ġenituri

# Il-Prattika tas-Sħubija fil-Livell Primarju

Carmel Borg

**"Nemmen li l-akbar osservaturi tat-tfal huma l-ġenituri u m'għandix dubbju li jekk nisimgħuhom se joħorġu b'ideat tajbin."**



*CARMEL BORG Ph.D (Toronto), is lecturer in Curriculum Studies at the Faculty of Education. His academic interests range from critical pedagogy to forms of curriculum inquiry and development. Dr. Borg is a member of the steering committee responsible for piloting the second and major phase of the NMC review. He is also General Secretary of the Association of School Councils.*

## Is-Sensiela

Sikwit nisimgħu u naqraw dwar il-bżonn li l-ġenituri jipparteċipaw aktar fil-proċess edukattiv. Implikazzjoni ewlenija ta' din l-għajta hija li l-għalliema u l-ġenituri għandhom jaħdmu aktar flimkien għall-ġid tat-tfal. Din is-sensiela ta' artikli qed tinħema bil-ħsieb li tlaqqagħna ma' prattika lokali u barranija li għandha l-għan li tkattar il-kultura tas-sħubija billi ssaħħaħ il-linji ta' komunikazzjoni bejn l-għalliema u l-ġenituri.

Nittamaw li dawn l-artikli, imżewqin bil-kontribuzzjonijiet tagħkom, iqanqlu aktar interess fil-kunċett tas-sħubija, u jgħinu lil dawk li għadhom ma jafux minn fejn se jitilqu.

Dan l-artiklu se jiffoka fuq strateġiji ta' komunikazzjoni li għandhom l-għan li jintroduċu lill-għalliema u l-ħidma tagħhom.

## Qabel tibda l-iskola...

Il-ħidma ta' l-għalliema li jridu jistabilixxu rapport pożittiv mal-ġenituri tat-tfal tal-klassi tagħhom ġeneralment tibda xi jiem qabel l-ewwel jum ta' l-iskola. L-għalliema jistgħu jvaraw il-ħidma tagħhom f'dan il-qasam permezz ta' ittra qasira ta' introduzzjoni. Din l-ittra għandha sservi biex l-għalliema: jintroduċu ruħhom mal-ġenituri; ifakkru lill-ġenituri meta se tibda l-iskola; u jistidnuhom biex fil-jum imsemmi jiltaqgħu magħhom.

Man-nota li tintbagħat lill-ġenituri, l-għalliema jistgħu jibagħtu ittra oħra qasira lit-tfal. Kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal jieħdu pjaċir ikunu jafu li l-għalliema prospettivi huma entużjasti dwar il-klassi l-ġdida li se jgħallmu.

Wieħed jistenna li qabel tibda s-sena, l-għalliema diġa' jkollhom it-tagħrif meħtieġ dwar it-tfal tal-klassi. Dan it-tagħrif jista' jwassal biex jiġu identifikati problemi partikulari fil-klassi. Hawnhekk ukoll, l-għalliema jistgħu jaħdmu id f'id mal-ġenituri.

L-ewwel kuntatt ma' familji bi tfal bi problemi jista' jagħmel differenza kbira fil-livell ta' koperazzjoni li l-għalliema se jsibu mill-ġenituri għall-bqija tas-sena. Hawnhekk, telefonata tista' twitti t-triq għal azzjoni pożittiva.

Jista' jagħti l-każ li ġenituri ta' tfal bi problemi għandhom storja ta' telefonati negattivi, fejn l-iskola tikkomunika magħhom biss meta jkun hemm xi problema. L-għalliema għandhom jinqdew b'telefonata ta' introduzzjoni biex iserrħu moħħ il-ġenituri li din id-darba l-istorja se tkun waħda differenti. Għalhekk, l-ewwel telefonata trid tkun waħda pożittiva, b'messaġġ ta' rieda tajba u dispożizzjoni lejn ħidma komuni għall-ġid tat-tifel/tifla.

Minħabba n-natura sensittiva tat-telefonata, ikun meħtieġ li wieħed jippjana t-telefonata sew. L-ewwel kliem jew frażijiet se jħallu effett kbir fuq il-kumplament tal-konversazzjoni. Tajjeb infakkru lill-ġenituri li aħna qed inċemplu għax verament jimpurtana mit-tfal, u nixtiequ li s-sena li tkun se tibda tkun waħda ta' suċċess għal uliedhom.

Is-sensittività lejn il-ġenituri hija kruċjali. Nissuġġerixxi li nħallu 'l-ġenituri jitkellmu huma dwar il-problema, aktar milli nibdew aħna bil-litanija ta' problemi. Mistoqsija bħal "kif mar it-tifel is-sena l-oħra?", tista' twassal biex il-ġenituri jirrakkuntaw l-istejjer li għaddiet minnhom il-familja. Fi ftit kliem, huma l-ġenituri li se jmexxu l-aġenda ta' l-ewwel telefonata.

## Nisimgħu lill-ġenituri

Għalkemm jista' jkollna ħafna ideat dwar x'jista' jsir, tajjeb li nisimgħu lill-ġenituri dwar x'jaħsbu li jista' jsir biex uliedhom jkollhom sena aħjar. Għandna tendenza li nippatoloġizzaw lill-istudenti u 'l-ġenituri tagħhom. Inħarsu lejhom bħala falluti, u allura ftit li xejn għandhom x'joffru.

Ma naħsibx li dan hu l-każ. Nemmen li l-akbar osservaturi tat-tfal huma l-ġenituri u m'għandix dubbju li jekk nisimgħuhom se joħorġu b'ideat tajbin.

Importanti li waqt il-konversazzzjoni tagħna nuru lill-ġenituri li s-support tagħhom huwa kruċjali, u allura t-telefonata ta' introduzzjoni mhux se tkun l-ewwel u l-aħħar telefonata. Nistgħu nagħlqu l-konversazzjoni tagħna billi nħeġġu lill-ġenituri jkomplu jikkoperaw magħna ħalli t-tfal ikollhom sena aħjar minn dik ta' qabel.

## L-ewwel jum...

Fl-ewwel ġurnata ta' l-iskola nistgħu nibagħtu ittra oħra mat-tfal li permezz tagħha mhux biss nistiednu lill-ġenituri jżuruna, iżda wkoll nispjegaw il-pjanijiet tagħna għas-sena. L-aktar ingredjenti importanti ta' ittra bħal din huma:

- ma ntawlux, paġna tkun biżżejjed
- it-ton għandu jkun wieħed pożittiv u entużjażmanti
- infakkru li l-edukazzjoni tat-tfal hija frott il-ħidma komuni. Għalhekk, il-koperazzjoni tagħhom hija kruċjali.
- Nesprimu sens ta' fiduċja fis-suċċess prospettiv.

Ma' din l-ittra, nistgħu nibagħtu kodiċi ta' dixxiplina għall-klassi, u kopja tal-politika li se naddottaw rigward ix-xogħol tad-dar. Il-kodiċi u l-politika se jkunu s-suġġetti li se nitrattaw fl-artiklu li jmiss.